SANTA LUĊIJA

**MINUTI – IS-SITT KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 39-15**

Illum it-Tnejn, 16 ta' Marzu 2015

Il-Kunsill iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.00p.m.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Terrence Ellul u l-Kunsilliera: Joe Bonello u Victor Camilleri. L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo ma kienetx preżenti għal din il-laqgħa.

**SKUŻATA**

Il-Kunsilliera Caroline Galea infurmat il-Kunsill permess ta' *e-mail* li ma setgħetx tattendi għal din il-laqgħa.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 37-15 li saret nhar l-Erbgħa, 18 ta' Frar 2015 u Laqgħa numru 38-15 li issejħet b'urġenza nhar it-Tlieta,10 ta' Marzu 2015 ġew moqrija u approvati.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn l-Erbgħa, 18 ta' Frar 2015 u it-Tnejn, 16 ta' Marzu 2015 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 0166-15-O – Perit Karl Cutajar – *Letter of Acceptance*
- 0230-15-O – ETC – Laqgħa ta' nformazzjoni għal persuni b'diżabilita' dwar servizzi offruti mill-ETC.

#### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 0026-15-I – Kunsilliera Caroline Galea – *Memo* SLLC 04-2015
- 0192-15-I – Valletta Lions Rugby Academy – *Introducing Rugby to young kids*
- 0195-15-I – Resident – *Dog Littering*
- 0209-15-I – Animal Guardians Malta – *Animal Welfare Sub-Committee*
- 0234-15-I –Dipartiment għal-Gvern Lokali – *Memo* 5-2015 – Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-Korsiijet *Lifelong Learning* 2015-2016
- 0235-15-I – Primary Health Care – *Health Educational Talks*
- 0236-15-I – Aġenzija Żgħażagħ – Kunsilli Lokali Żgħażagħ

### 2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:*

- Verzjoni finali tal-Budget 2015 kif approvat fil-laqgħa tal-Kunsill numru 37-15(18-02-2015)
- Ftehim - *Day Care Centre u Learning Hub f'Santa Luċija*
- SLLC Memo 03-2015: Xogħol ta' *patching* fi Vjal Oleandri quddiem il-*Bus Stop* u Xiri ta' viti ġodda fil-latrina pubblika
- SLLC Memo 04-2015 - Skema ta' Manutenzjoni tal-Komun fil-Binjiet tal-Gvern u Day Care Centre għall-Anzjani.

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korripondenza bin-numru ta' referenza 0026-15-I is-Sindku rrefera għall-*e-mail* li nbgħatet mill-Kunsilliera Galea fir-rigward ta' SLLC *Memo* 04-2015. Is-Sindku qal li fil-kummenti tagħha l-Kunsilliera Galea qalet li xtaqet li kienet aktar involuta fir-rigward tal-inizjattiva li jitwaqqaf Day Care Centre. Huwa qal li m'hemm xejn x'wieħed jinvolvi ruħhu għax biex ser jitwaqqaf Day Care Centre f'Santa Luċija saret proċedura li ssir f'kull lokalita' oħra f'Malta.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 192-15-I is-Sindku qal li l-proposta tal-Valletta Lions Rugby Klabb għandha titressaq quddiem Kunsill ġdid.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0195-15-I saret referenza dwar *e-mail* li nbgħatet minn resident dwar inkonvenjent mill-ħmieġ tal-klieb. Is-Sindku qal li kien kellem lis-sid ta' dan il-kelb involut u qal li dan kien wiegħed li ser jimxi mar-regolamenti.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0209-15-I is-Sindku qara proposta ta' l-organizzazjoni Animal Guardians Malta biex f'Santa Luċija jitwaqqaf *Animal Welfare Committee*. Il-Kunsill qabel li għandu joħroġ avviż ta' nteress f'dan ir-rigward.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0234-15-I il-Kunsill qabel li jerġa joffri post adegwat biex isiru korsijiet bażiċi fit-tagħlim ta' Litteriżmu fil-Malti, fl-Ingliż, fix-Xjenza u fil-Matematika.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0235-15-I il-Kunsill innota proposta mid-Dipartiment Għall-Kura Primarja biex jiġu organizzati taħdidiet dwar is-saħħa. Peress li ġie nutat li dawn milhomx li saru, l-Kunsill qabel li dawn it-taħdidiet isiru jekk hemm xi suġġett ġdid li tista ssir taħdita dwaru.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0236-15-I il-Kunsill qabel li joħroġ avviż ta' nteress dwar il-proposta ta' Kunsilli Lokali Żgħażagħ biex din il-proposta tiġi diskussa fit-tieni laqgħa ta' Kunsill ġdid.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Xogħol ta' Resurfacing taħt l-iskema tal-PPP fi Triq il-Ġnien - Talba għal ħlas*

Is-Sindku nforma lil Kunsill dwar talba li qed jagħmel il-kuntrattur RiteMix Ltd. biex jingħata *part payment* fuq ix-xogħol li qed isir fi Triq il-Ġnien. Huwa spjeġa li kien talab lil perit tal-Kunsill biex jiċċertifika x-xogħol u jikkwantifika x-xogħol li tlesta s'issa biex il-Kunsill ikun kopert li l-pagament ta' €14,000.00 filfatt ikopri xogħol li diġa tlesta. Filfatt il-perit tal-Kunsill ħareġ ċertifikazzjoni ta' xogħol li kien jaqbeż l-€14,000. Għaldaqstant il-Kunsill approva l-ħlas ta' €14,000.00 bħala *part payment* lil RiteMix biex dan ikun jista' jixtri aktar materjal u jkompli.

### *4.2 Xogħol ta' Manutenzjoni fid-daħla ta' Blokk E fi Triq Katerina Vitale*

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill ritratt tad-daħla tal-blokk E fi Triq Katerina Vitale flimkien mal-kwotazzjoni biex din id-daħla ssir bil-mattoncina li nqagħlet minn Ġnien is-Serenita'. Huwa qal li l-ispiża nvoluta tammonta għal €658.26. Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu biex isir ix-xogħol propost.

### 4.3 Kuntratt SS(57-15-01) – Knis u Tindif ta' Toroq

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsill li kienet ser toħroġ sejħa għal offerti għal kuntratt ta' Knis u Tindif ta' Toroq. Hija qalet li peress li hemm l-elezzjoni lokali, l-offerti jiġu diskussi minn Kunsill ġdid u dan il-kuntratt jidħol fis-seħħ f'Ġunju 2015.

### *4.4 Bejgħ ta' grada li hemm fil-Picnic Area*

Is-Sindku rrefera għal grata kbira li tħalliet fil-*Picnic Area* wara li tlesta l-proġett ta' rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'. Is-Sindku qal li kien ser jara kemm tiswa din il-grada billi tintuża rata stabbilita' biex il-prezz jiġi kkalkulat skond l-użin. Il-Kunsill qabel li din il-grada qed toħloq *eye-sore* fil-*Picnic Area* u hija wkoll ta' periklu għat-tfal. Il-Kunsill qabel li jaċċetta l-aħjar offerta.

### *4.5 Tiġdid ta' Kuntratt ta' Ġbir ta' Skart Ġoff*

Saret referenza għall-kuntratt hawn fuq imsemmi li skond id-dokument ta' l-offerta seta jiġġedded sa tlett snin mid-data tal-bidu tal-kuntratt li beda fl-1 ta' Frar 2013 . Il-Kunsill qabel li dan il-kuntratt jiġi mġedded għal sena oħra.

### *4.6 Xogħol fuq bankina fi Triq Stefanotis kantuniera ma' Triq Fortizza*.

Is-Sindku rrefera għal bankina ta' Triq l-Stefanotis kantuniera ma' Triq il-Fortizza. Huwa ppropona li din il-bankina jingħatalha wiċċ ġdid peress li tinsab f'kundizzjoni ħażina ħafna. Huwa qal li l-istima tax-xogħol involut tammonta għal madwar €2,740.00. Il-Kunsill qabel li din il-bankina kienet fi stat ħażin ħafna u approva din l-ispiza.

### *4.7 Żjara minn Delegazzjoni Uffiċċjali Ċiniża*

Is-Sindku nforma li delegazzjoni minn Fuzhou fiċ-Ċina kienet ser iżżur Malta fil-ġimgħat li ġejjin. Huwa qal li l-ittra/invit li ħareġ il-Kunsill ġiet ikkuppjata lil Ambaxxata Ċiniża f'Malta u lil *Foriegn Office*. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill m'għandu l-ebda *commitment* ma' din id-delegazzjoni iżda ser ikun qed jikkordina żewġ laqgħat importanti ma' l-Onor. Chris Cardona u rappreżentanti tal-Freeport għal matul in-nofs ta' nhar li ser iddum Malta din id-delegazzjoni.

### *4.8 Xiri ta' kotba dwar Santa Luċija*

Is-Sindku rrefera għal ktieb dwar Santa Luċija bl-isem ta' Santa Luċija – *Malta's Garden City* ta' l-Awtur Dr Malcolm Borg. Huwa qal li Dr Borg offra lil Kunsill, l-istokk li fadal ta' dawn il-kotba li jammontaw għal 135 ktieb għall-prezz ta' €5.46 'il wieħed u għall-ispiża totali ta' €737.10. Ma dan l-ammont ta' kotba ser jingħataw 30 ktieb mingħajr ħlas. Il-Kunsill qabel li jixtri dawn il-kotba.

### *4.9 Tiżjin tat-toroq bix-xemgħat marbuta mal-festa tal-Ġimgħa l-Kbira*

Il-Viċi Sindku ppropona li l-Pjazza 7 ta' Lulju u xi toroq ta' Santa Luċija jiżżejnu bix-xemat fl-okkazzjoni tal-Via Sagra u l-festa ta' l-Ġimgħa l-Kbira li ser tiġi organizzata mill-Għaqda Żgħażagħ Luċjani. Huwa qal li l-ispiża nvoluta tammonta għal madwar €200.00. Il-Kunsill qabel li bħalma t-toroq jiżżejnu fil-ġranet tal-Milied, hekk ukoll għandhom jiżżejnu fl-okkazzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u t-tradizzjonijiet kulturali u reliġjużi marbuta ma' din il-festa.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 5462 sa numru BOV 5530 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu bejn is-6 ta' Frar 2015 u l-31 ta' Marzu 2015.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 37-15(18-02-2015) u 38-15(10-03-2015).

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Jannar 2015 Ammont *Gross* €5208.74

Salarji għax-xahar ta' Frar 2015 Ammont Gross € 7060.87

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| **Kuntrattur** | **Kuntratt** | **Kont** | **Ewro** |
|---|---|---|---|
| Joseph and Spiridione Żammit | RC(57-14-I) | Serv.Frar 2015 | 1791.78 |
| ELC Ltd | PKG57 | Serv.Frar 2015 | 2061.50 |
| Saviour Mifsud | PCA(57-11-06) | Serv.Frar 2015 | 625.41 |
| Owen Borg | SS(57-12-01) | Serv.Frar 2015 | 1024.25 |

### *5.4 Approvazzjoni għal xiri*

**5.4.1** Il-Kunsill approva kwotazzjoni biex jiġi nstallat apparat fi Ġnien is-Serenita' liema apparat kien inħaraq u kellu bżonn li jinbidel ma wieħed ġdid u jitwaħħal qabel issir il-konnessjoni tal-*cable* li mis-*substation* fi Triq Ġuljetta Lopez twassal sa' l-Ġnien Ċiniż. L-ispiża nvoluta tammonta għall-€615.44.

### *5.4.2 Approvazzjoni għal ħlas ta servizz ta' watchman fi Gnien is-Serenita*

Il-Kunsill approva l-ħlas li jammonta għal €132.54 għal servizz ta' emergenza li ngħata matul ix-xahar ta' Frar 2015. Ġie nutat li dan is-servizz qed jinkera kull darba li l-ħaddiem taħt l-iskema CIES li jipprovdi servizz ta' *watchman* fi Ġnien is-Serenita' jkun bil-*leave* jew marid.

## 6. DAY CARE CENTRE

Is-Sindku rrefera għat-twaqqif ta' Day Centre f'Santa Luċija u qal li ser joħroġ l-avviż biex dawk l-anzjani li jixtiequ jagħmlu użu minn dan is-servizz ikunu jistgħu jinkitbu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Huwa qal li l-Kunsill ġab kwotazzjoni biex jintraw *fridge, m-oven* u *water heater* bi spiża totali ta' €505.00. Il-Kunsill approva din l-ispiża. Is-Sindku qal li dan id-*Day Care Centre* ser jinfetaħ fil-qarib u din hija wegħda oħra ta' dan il-Kunsill. Huwa qal li altru milli konna reqdin f'dawn l-aħħar tlett snin. Is-Sindku kompla jgħid li dan il-Kunsill ħadem fuq li ħadem, tant li l-anzjani nagħtuhom attenzjoni individwali. Huwa kompla jgħid li kien dan il-Kunsill li ħa ħsieb biex jibqa jingħata servizz tal-Berġa mill-Uffiċini tal-Kunsill sakemm il-berġa li hemm fi Vjal Oleandri jsirulha tiswijiet intensivi li kien hemm bżonn. Is-Sindku kompla jgħid li meta fl-2012 il-Kunsill kien talab għall-*co-financing* tal-proġett tal-*Community Centre* kien ingħata biss *committment* ta' €50,000.00 li ma kienx biżżejjed biex il-Kunsill ikun jistgħa japplika għal fondi ta' l-Unjoni Ewropea dwar dan il-proġett.

## 7. Offerta (PCA) 57/14/02: Kuntratt ta' Servizz ta' Tindif b'Ħarsien Ambjentali u Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi f'Santa Luċija.

Il-Kunsill iddiskuta l-offerti li ntefgħu fir-rigward tas-sejħa hawn fuq imsemmija li għalqet f'nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Frar 2015. Għal din is-sejħa ntefħu dawn l-offerti:

| | | |
|---|---|---|
| Bradley Attard | Solyair , Triq San Porfirju, iz-Zejtun | € 8,990.00 |
| Brian Borg | Crystal Heart, Triq il-Wied, Zurrieq | € 6,852.56 |
| Anton Sciberras | Mounira, Triq Mater Boni Consilii, Fgura | € 8,920.00 |
| Chris Bezzina | Flat 1,Emmanue Crtl , Triq Carmen Mallia, San Gwann | € 7,450.00 |
| Julian Azzopardi | 1, Lugven,Triq Lepanto, Marsaxlokk | |
| Salvu Mifsud | Rainbow Court, Flat 11, Triq l-Eroj, Zebbug | € 6,745.00 |
| Owen Borg | May Flower, Flat 2, Triq il-Icilio Calleja, Zebbug | **€ 4,635.00** |
| Carmel Desira Limited | 16, Triq Bormla, Zejtun | € 7,583.00 |
| Timmy Tabone | Blk F, Flat 1, Tal-Palazz l-Aħmar, Santa Venera | € 7,285.00 |
| WM Environmental | 10, Triq l-Ghasir, Zebbug | € 6,000.00 |
| Alexander Camilleri | L-Irdoss, Sqaq Hal Xuq, Siggiewi | € 5,950.00 |
| Mario Borg | Our Dream, Triq San Martin, Zebbug | € 5,100.00 |

Il-Kunsill qabel li dan il-kuntratt jingħata lil Owen Borg li tefgħa l-orħos offerta.

**8. TMIEM/AĠĠORNAMENT**

Il-Laqgħa ntemmet fis-7.00p.m.

Il-Kunsill jerġa’ jiltaqa' nhar it-Tlieta, 7 ta’ April 2015 fil-5.00 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum ……………….,..... ta' ...................… 2015**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**